Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 968/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Costantino Felice u Clint Zammit

Il-Qorti,

Rat li l-imputati, Costantino Felice ta’ 19 -il sena, iben Emanuel u Mary Anne nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ April, 1986 u li joqghod Flat 13, Block 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 257586M u Clint Zammit, ta’ 16-il sena iben George u Bernardette nee’ Abela, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Dicembru, 1988 u li joqghod numru 70, Triq Pinto, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 572888M gew

imressqa quddiemha akkuzati talli fis-26 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tad-9a.m. fil-fond Dream Cottage, Tal-Kanuni, limiti tar-Rabat,

(a) bil-hsieb li jikkomettu delitt ta' serq urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262 tal-Kapitolu 9, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-lok u liema attentat sar fuq il-koppja Grazia u Francesco Camilleri li ghandhom iktar minn 65 sena;

(b) ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(a) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif iccertifikat Dr Debbie St. John M.D. mill-isptar San Luqa;

(c) akkuzati wkoll talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew u/jew issekwestraw lil ghadd ta' persuni kontra l-volonta' taghhom;

(d) fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna, u cioe' feriment fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(e) zammew fil-pussess taghhom u garrew armi tan-nar w munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(f) heddew bil-fomm lil koppja Camilleri u lil Lee Cortis u Stephanie Cortis b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

(g) finalment, Clint Zammit wahdu, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fis-26 ta' Ottubru, 2005, u/jew fil-jiem ta' qabel, saq vettura VW Golf, numru tar-registrazzjoni ABB925

minghajr licnezja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Novembru 2006 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

<u>Fil-konfront ta' Costantino Felice</u>:
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261 (a)(c)(e), 262, 267, 269, 274 (b), 275, 276A, 277, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 214, 216 u 222A (1) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 86 u 87(1) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 3(1)(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikolu 249(2)(1) tal-Kodici Kriminali;
(g) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

<u>Fil-konfront ta' Clint Zammit</u> :
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261 (a)(c)(e), 262, 267, 269, 274(b), 275, 276A, 277, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 214, 216 u 222A (1) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 86 u 87(1) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 3(1)(1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikolu 249(2)(1) tal-Kodici Kriminali;
(g) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-artikolu 3(1)(1A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghat lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat lill-imputat, Costantino Felice debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tas-26 ta’ April, 2007.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Clint Zammit ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ April, 2007 salv ghall-akkuza (g).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Costantino Felice, il-Qorti tiddikkjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi fuq l-ammissjoni nkondizzjonata u volontarja ghall-akkuzi (a) sa (f) tal-imputat Clint Zammit, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi (a) sa (f) kif minnu ammessi. Il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat, Clint Zammit hati ta’ l-akkuza (g) stante li din tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Costantino Felice jirrizulta li din hija prattikament netta (a fol. 3) ghaliex kull ma hemm registrat huwa reat wiehed fejn l-imputat inghata Reprensjoni u Ammonizzjoni. Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Clint Zammit, esebita a fol. 5 ta-process jirizulta li din hija netta. Il-Qorti wara li kkunsidrat l-eta’ zghira taz-zewg imputati, il-fatt li l-imputat Costantino Felice kellu sitwazzjoni familjari li ma tantx ghenitu f’eta’ daqshekk vulnerabbli, il-fatt li dan tal-ahhar illum irriforma ruhu u sab impjieg fiss u l-fatt li l-imputat Clint Zammit ghandu problemi relatati mal-abbuz tad-droga izda jidher li llum irid jipprova jirriforma ruhu u jehles mill-problema ta’ l-abbuz tad-droga, jidrilha li nonostante il-gravita’ tar-reati addebitati liz-zewg imputati huma ghandhom jinghataw l-ahhar opportunita’ sabiex

jiriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba u ghalhekk mhux ser timponi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha msemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-8 ta’ Novembru, 2006 kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib liz-zewg imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Costantino Felice ghal prigunerija ta’ tnejn u ghoxrin (22) xahar sospiza ghal erba’ (4) snin millum u tikkundanna lill-imputat Clint Zammit ghal prigunerijia ta’ sentejn (2) sospiza ghal erba (4) snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car bir-responsabilita’ taghhom skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u qeghda taghmel ordni ta’ supervizzjoni li permezz ta’ dan l-ordni qeghda tqieghed lil hatja Costantino Felice u Clint Zammit taht is-supervizzjoni ta’ Ufficjal Sorveljanti mahtur mid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation ghal kull wiehed miz-zewg imputati ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum in kwwantu jirrigwarda l-imputat Clint Zammit u ghal perijodu ta’ tnejn u ghoxrin (22) xahar millum in kwantu jirigwarda l-imputat Costantino Felice.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabilita’ taghhom skond il-ligi jekk ma joqghodux ghal kull ordni legittima illi tinghata lilhom mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat Ufficcjal Sorveljanti idoneju ghal kull wiehed miz-zewg imputati.

B’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta, il-Qorti tikundanna liz-zewg imputati jhallsu nofs

kull wiehed ta' l-l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------